31990D0116

15.3.1990 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 68/1

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tas-26 ta' Frar 1990
dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Unjoni tar-Repubbliki Sovjetiċi Soċjalisti dwar il-koperazzjoni ekonomika fin-negozju u fil-kummerċ

(90/116/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi l-konkluzzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Unjoni tar-Repubbliki Sovjetiċi Soċjalisti dwar il-koperazzjoni ekonomika fin-negozju u l-kummerċ hija meħtieġa għall-ksib ta' l-oġġettivi tal-Komunità fil-kamp tar-relazzjonijiet esterni ekonomiċi; billi dan il-Ftehim għandu jiġi approvat għan-nom tal-Komunità Ekonomika Ewropea;

Billi jidher li ċerti miżuri ta' koperazzjoni ekonomika provduti fil-Ftehim jeċċedu s-setgħat għall-azzjoni provduta fit-Trattat, u b'mod partikolari dawk ipprovduti fil-kamp tal-politika komuni kummerċjali,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Unjoni tar-Repubbliki Sovjetiċi Soċjalisti dwar il-koperazzjoni ekonomika fin-negozju u l-kummerċ qiegħed b'dan jiġi approvat għan-nom tal-Komunità Ekonomika Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni [2].

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika, f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea, kif ipprovdut fl-Artikolu 25 tal-Ftehim.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni megħjuna mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri, għandha tirrappreżenta lill-Komunità fil-kumitat konġunt imwaqqaf taħt l-Atikolu 22 tal-Ftehim.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Frar 1990.

Għall-Kunsill

Il-President

M. SMITH

[1] Opinjoni mogħtija fl-14 ta' Frar 1990 (għada mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] Ara il-paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.